# IL-ĠIMGĦA MQADDSA

Il-Ġimgħa Mqaddsa għandha tifsira teoloġika profonda għall-Insara, għax timmarka l-qofol tal-missjoni ta' Ġesù fuq din l-art. Minn Ħadd il-Palm sa Ħadd il-Għid, din il-ġimgħa tħaddan il-qalba tal-messaġġ tal-Vanġelu: il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet. Għalina l-Insara, din il-ġimgħa hi stedina biex ninżlu aktar fil-fond tal-imħabba infinita ta' Alla, tal-ġrajja tas-salvazzjoni u tal-misteru tal-fidwa.

L-aħħar ġimgħa tar-Randan, imsejħa "mqaddsa" jew "il-ġimgħa l-kbira" żviluppat b'mod partikulari minħabba eżiġenza li jiġu storiċizzati l-ġrajjiet tal-passjoni tal-Mulej Ġesù. F'Ġerusalemm, fejn aktar minn kull post ieħor setgħu jiġu mgħixa l-aħħar jiem ta' Ġesù fl-istess postijiet fejn hu ġarrab il-passjoni, żviluppat liturġija għanja li tħaddan il-firxa taż-żmien minn Ħadd il-Palm sal-Għid. L-aktar riferiment antik li jalludi għal din il-ġimgħa mmarkata b'osservazzjonijiet speċjali nsibuh fil-*Kostituzzjonijiet Appostoliċi*, lejn l-aħħar parti tas-seklu 4. Insibu kif l-astinenza mil-laħam hi kmandata għall-jiem kollha tal-ġimgħa, filwaqt li sawm assolut hu kkmandat għall-Ġimgħa u s-Sibt. Dijonisju ta' Alessandrija fl-ittra tiegħu (AD 260) jitkellem minn 91 jum ta' sawm, li juri li l-prattika tas-sawm kienet diġà teżisti fi żmienu.

Hemm dubju dwar il-ġenwinità ta' ordni attribwita lill-imperatur Kostantinu, li kienet tinforza waqfien mix-xogħol pubbliku fil-ġimgħa ta' qabel l-Għid u f'dik ta' wara l-Għid. Iżda l-Kodiċi ta' Teodosju (li hu ġabra ta' liġijiet tal-Imperu Ruman immexxi minn imperaturi Nsara) fih ordni espliċita li tgħid li l-ħidma tal-liġi trid tieqaf u l-bibien tal-qrati jkunu magħluqa tul dawk il-ħmistax-il ġurnata.

Mill-jiem ta' din il-"ġimgħa kbira", l-ewwel li kisbet prominenza kienet ovvjament il-Ġimgħa l-Kbira. Warajha mbagħad ġie s-Sibt il-Kbir, jew Sibt il-Għid, bil-vġili miegħu, fejn kienu jiġu mgħammda t-tfal u l-katekumeni, u li fih il-knisja tal-bidu kienet tistenna t-tieni miġja ta' Kristu, li kellha sseħħ nhar Ħadd il-Għid.

Fost kitbiet oħra bikrija li jitkellmu minn din it-tradizzjoni antika tal-Knisja tal-bidu nsibu l-*Itinerarium* ta' Eteria (tmiem ir-4 seklu), li jiddeskrivi l-osservanza tal-ġimgħa mqaddsa kollha fost l-Insara ta' Ġerusalemm. Biex timita lill-Insara ta' Ġerusalemm li kienu jgħixu dawn il-ġrajjiet irrakkontati fil-Vanġeli, il-liturġija tal-Punent ippruvat tagħmel xi ħaġa simili billi organizzat ċelebrazzjonijiet partikulari li mbagħad sawru l-Ġimgħa Mqaddsa. Fil-Medju Evu l-Ġimgħa Mqaddsa kienet imsejħa "il-ġimgħa doloruża", għaliex il-passjoni ta' Ġesù kienet tiġi ddrammatizzata aktar milli ċċelebrata fil-misteru, fejn l-aċċent kien fuq it-tbatija u l-kompassjoni emottiva b'dannu tal-aspett salvifiku u tar-rebħa fuq il-mewt permezz tal-qawmien.

Il-Ġimgħa Mqaddsa għandha tifsira teoloġika kbira. Tgħallimna dwar il-kobor tal-imħabba ta' Alla, in-natura tas-salvazzjoni li sseħħ permezz tas-sagrifiċċju ta' Kristu, u t-tama li titnissel mill-qawmien. Din il-ġimgħa sservi ta' tfakkira qawwija tal-qawwa trasformanti li għandha l-grazzja ta' Alla, u tistedinna biex naħsbu fuq il-misteri ċentrali tal-fidi tagħna u biex inkabbru r-relazzjoni tagħna ma' Kristu.

*DUN GIOVANNI CURMI*

Is-Seminarju jixtieq juri gratitudni lejn dawk kollha li matul ir-Randan urew ġenerożità, fl-offerti miġbura mill-Parroċċi u l-komunitajiet kollha tad-Djoċesi. L-għajnuna tagħkom tkompli ssostni din il-missjoni kbira. Ta' kuljum fis-Seminarju jsir talb għall-benefatturi kollha.

Jekk tixtieq tgħin lis-Seminarju jkompli bil- ħidma tal-missjoni tiegħu tista' jew tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot inkella permezz ta' bank transfer:

**APS Account Number: 2000162755-8**
**IBAN Number:**
**MT27APSB77035008161820001627558**

**GRAZZI TAL-ĠENEROŻITÀ TIEGĦEK!**

sem&u

**April 2025**
**Ħarġa nru 29**

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex www.sacredheartseminary.org.mt
2155 6479 rector.seminary@churchingozo.mt

# Fuq l-għatba tal-Ordinazzjoni Saċerdotali

## MATTHEW BORG

**1. Matthew, minn hawn u ftit ġimgħat oħra ser tkun ordnat saċerdot. X'inhuma s-sentimenti li qed jakkumpanjawk għal dan il-mument?**

Bħalissa, meta ninsab biss ftit ġimgħat 'il bogħod, inħoss diversi sentimenti u naħseb li bir-raġun. L-ordinazzjoni saċerdotali hija mument li tkun ilek timmaġinah f'moħħok. Kull ordinazzjoni li attendejt dejjem kienet tqajjem fija l-mistoqsija: "Tgħid xi darba nkun hemm jien?" U issa waslet, l-ordinazzjoni tiegħi. Bħalissa nħoss li l-eċitament beda jikber, xi ftit emozzjonijiet hemm ukoll. Però naħseb l-aktar sentiment li napprezza huwa t-talb u s-sapport ta' dawk ta' madwari, kemm ta' dawk li jinsabu f'Malta, u anke ta' dawk li matul din is-sena għext u qsamt l-esperjenza tiegħi magħhom ġewwa Ruma.

**2. Kif għextu d-djakonat tiegħek matul din is-sena?**

Wara li s-sena l-oħra temmejt l-istudji tiegħi ġewwa s-Seminarju ta' Għawdex, matul din is-sena qed nagħmel esperjenza ġewwa waħda mill-parroċċi ta' Ruma, propju fil-parroċċa Santi Protomartiri Romani, kif ukoll segwejt il-kors "Ut Unum Sint" fl-istudju ekumeniku, ġewwa l-università pontifiċja Angelicum. L-esperjenza ta' djaknu f'din il-parroċċa għextha flimkien ma' 4 qassisin oħra li jgħixu fil-parroċċa. Kont involut f'xi gruppi tal-parroċċa, kif ukoll tajt għajnuna fil-quddies u t-tqarbin tal-morda.

**3. Issa li wasalt f'dan il-mument ifisser li ntemmet l-esperjenza fis-Seminarju. Kif tħares lura lejn dawn is-snin?**

Hekk kif inħares lura lejn dawn l-aħħar tmien snin li qattajt ġewwa s-Seminarju, ma nistax ma nħarisx lejhom b'nostalġija. Dan kien post fejn mhux biss kbirt intellettwalment, iżda wkoll umanament u spiritwalment permezz ta' diversi esperjenzi li għext. Kienu mumenti li fihom bdejt niskopri u nifhem aktar fil-fond is-sejħa li Alla qiegħed jagħmilli. Fuq kollox, l-esperjenza fis-Seminarju ma kinitx biss dik tal-bini fiżiku jew il-programm ta' formazzjoni. F'moħħi u f'qalbi jibqgħu l-ħbiberiji sinċieri u l-esperjenzi pastorali fil-komunitajiet differenti li huma mumenti prezzjużi li żgur li ser nibqa' ngħożż ħajti kollha.

**4. X'messaġġ tixtieq twassal lil dawk li bħalissa qed jiddixxernu l-ħajja saċerdotali?**

F'moħħi tiġini kelma waħda: "Tibżax". F'ħajjitna nieħdu diversi deċiżjonijiet, deċiżjonijiet li ħafna drabi jinvolvu riskju u inċertezza. Però nistieden lilek biex ma tibżax tieħu riskju, ma tibżax tistaqsi u tfittex it-triq tiegħek. Xi ħaġa li għenet ħafna lili personalment, u naf li għenet lil ħafna oħrajn, hija l-akkumpanjament spiritwali. Fittex lil xi ħadd li miegħu tista' taqsam ħajtek b'onestà, li kapaċi jisimgħek mingħajr ma jiġġudikak u jgħinek tiddixerni l-vuċi t'Alla f'ħajtek. U jekk tħoss dik ix-xrara, dik il-ġibda interjuri, imxi! Agħmel dak il-pass kuraġġuż. Il-ferħ veru jiġi mir-realizzazzjoni ta' kemm Alla jħobbni. Għaldaqstant, kif nista' ngħix din l-imħabba bl-aħjar mod? Billi nipprova nwieġeb bl-aktar mod ġeneruż għas-sejħa li Alla qed jagħmilli, tkun xi tkun. Fil-qalb ta' kull vokazzjoni hemm l-istess stedina: biex ngħix l-imħabba ta' Alla b'mod awtentiku u sħiħ. Għalhekk ngħidlek: Kuraġġ! Alla diġà qed jimxi miegħek!





# MILL-GĦATBA ’L ĠEWWA...

Fl-okkażjoni tas-sena l-ġdida, nhar is-Sibt is-6 ta’ Jannar 2025, saret il-Laqgħa tal-Awguri tal-Isqof mal-Kleru Għawdxi. Is-seminaristi kienu mistiedna għal din il-laqgħa.

It-Tnejn it-8 ta’ Jannar, is-seminaristi rritornaw lura fis-Seminarju wara l-vaganzi tal-Milied.

Ix-xahar ta’ Jannar iġib miegħu wkoll l-eżamijiet għal diversi studenti kif ukoll għas-seminaristi. L-eżamijiet kienu bejn l-24 ta’ Jannar u l-4 ta’ Frar.

Il-Ħadd is-26 ta’ Jannar ġie ċċelebrat jum il-Ħadd tal-Kelma ta’ Alla. Dakinhar is-seminaristi Anthony Joe Borg u Fabio Cini rċevew l-ministeru tal-lettorat minn idejn Mons. Isqof Anton Teuma fil-Parroċċa ta’ Santa Marija Assunta ż-Żebbuġ. Fl-istess ċelebrazzjoni d-Djaknu Matthew Borg ippreżenta t-talba tiegħu lil Mons. Isqof għall-Ordinazzjoni Presbiterali.



Wara l-eżamijiet tal-ewwel semestru, bejn l-4 u d-9 ta’ Frar, is-seminaristi qattgħu xi jiem ta’ mistrieħ flimkien.



It-Tlieta l-11 ta’ Frar, ingħata bidu għat-tieni semestru fis-Seminarju.

Il-Ħamis l-20 ta’ Frar, Dun Raymond Portelli, missjunarju Għawdxi ġewwa l-Perù, żar is-Seminarju. Huwa ċċelebra l-quddiesa flimkien mas-seminaristi.



Nhar it-Tlieta l-4 ta’ Marzu saret it-Tħabbira tar-Randan Imqaddes. Din issir kull sena mill-komunità tas-Seminarju bi preparazzjoni għal żmien ir-Randan.

Matul iż-żmien qaddis tar-Randan, il-komunita’ kellha wkoll diversi mumenti ta’ esperjenzi marbuta ma’ dan iż-żmien, partikularment fejn jidħlu t-talb, is-sawm u l-karità. Saret tradizzjoni annwali li s-seminaristi jmorru jżuru xi saċerdoti anzjani jew morda li jinsabu ġewwa djarhom. Barra minn hekk ittieħdet l-inizjattiva li tiġi ċċelebrata quddiesa ġewwa Dar San Ġużepp Għajnsielem u anke ssir żjara lill-anzjani li jinsabu rikoverati f’din id-dar. Ittieħdet ukoll l-inizjattiva, flimkien mal-iskola tas-Seminarju Minuri, li jsir ġbir ta’ flus b’risq il-Laboratorju tal-Paċi ġewwa Ħal Far.



It-Tnejn l-10 ta’ Marzu saret quddiesa solenni fejn ġie mfakkar id-39 anniversarju mill-konsagrazzjoni tal-Kappella tas-Seminarju.

Is-Solennità ta’ San Ġużepp hija ferm għall-qalb is-seminarju tagħna. It-Tlieta t-18 ta’ Marzu, lejlet il-festa ta’ San Ġużepp patrun tal-Knisja Universali, saret iċ-ċelebrazzjoni tat-II Għasar Pontifikali fil-Kappella tas-Seminarju. Nhar l-Erbgħa d-19 ta’ Marzu, is-solennità ta’ San Ġużepp, saret quddiesa kkonċelebrata ta’ jum il-festa mmexxija mir-Rettur tas-Seminarju. Is-Seminarista Anthony Joe Borg għamel l-omelija tal-okkażjoni.



Matul iż-żmien tar-Randan, bejn il-25 ta’ Marzu u t-3 ta’ April saru laqgħat għall-abbatini kollha ta’ Għawdex li ngħaqdu mas-seminaristi għall-mumenti ta’ riflessjoni, adorazzjoni u kif ukoll għall-ikel.




Nhar it-Tnejn is-7 ta’ April saret ċelebrazzjoni penitenzjali bil-possibiltà tas-Sagrament tal-Qrar bħala tħejjija għall-festi qaddisa tal-Ġimgħa Mqaddsa.

Ta’ kull sena fir-Randan, il-Komunità tas-Seminarju talbet il-Via Sagra u ċċelebrat il-quddiesa fuq l-Għolja t’Għammar.



Bejn Ħadd il-Palm u l-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa sar ukoll l-irtir għas-seminaristi f’Dar Lourdes f’Għajnsielem u li ġie mmexxi minn Dun Noel Debono.

Is-seminaristi jirritornaw is-Seminarju wara l-waqfa tal-vaganzi tal-Għid nhar it-Tnejn is-27 ta’ April.

**IL-KOMUNITÀ TAS-SEMINARJU**

tawgura

*l-Għid it-Tajjeb*

mimli bil-paċi li ġie jnissel
fi qlubna Kristu Rxoxt lill-Qarrejja, lill-Ħbieb
u lill-Benefatturi kollha.

